Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Gurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Generali

Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.

Mandat ta' Inibizzjoni numru 38/2019 BS

Dr Anton Refalo noe

-vs-

John Mary Muscat et

Illum 12 ta' Dicembru 2019

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Fit-13 ta' Novembru 2019 l-Avukat Dr. Anton Refalo (KI 42556G) bħala mandatarju speċjali tal-eredi preżuntivi tal-mejjet Arthur Borġ u ċioe' ta' Joseph u Victor aħwa Borġ, li jirrisjedu fl-esteru (minn issa 'l quddiem imsejħa "ir-rikorrenti"), ippreżenta rikors minn li permezz tiegħu talab il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra John Mary Muscat (KI 22556G) u martu Victoria Ann Muscat ( KI 42103L) (minn issa 'l quddiem imsejħin "l-intimati");

Mar-rikors ġew ippreżentati estratt mill-Att tal-Mewt bin-numru 193/2019 tad-defunt Arthur Borġ kif ukoll kopja ta' kuntratt *datio in solutum* datat 22 ta' Diċembru, 2016 li sar bejn id-defunt Arthur Borġ u l-intimati;

Fit-13 ta' Novembru, 2019, ingħata digriet li permezz tiegħu l-Qorti laqgħet ir-rikors proviżorjament u tat lill-intimati żmien għar-risposta ;

L-intimati ġew notifikati bir-rikors għall-Ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni u bid-digriet fit-13 ta' Novembru 2019;

Fil-15 ta' Novembru, 2019 l-intimati ntavolaw ir-risposta tagħhom.

Fis-seduta tat-3 ta' Diċembru, xehed Dr. Anton Refalo u l-partijiet ittrattaw l-eċċezzjoni tal-*locus standi* tar-rikorrent noe. Dak inhar il-mandat ġie pospost għal digriet kamerali fuq din l-eċċezzjoni.

Fil-05 ta' Diċembru 2019 ingħata d-digriet kamerali fejn il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati u ordnat illi r-rikors jiġi trattat fis-seduta ta' l-10 ta' Diċembru, 2019.

Fis-seduta ta' l-10 ta' Diċembru, 2019 ir-rikorrenti rtira l-parti tal-mandat għar-rigward l-użu ta' l-istess fond kif ukoll għar-rigward l-immobbli li huma msemmija fil-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar ta' l-istess mandat pero' żamm ferm it-talba tiegħu sabiex il-konjuġi John Mary u Victoria Muscat ma jitrasfeixxux, jagħtu, jassenjaw lil terzi persuni sew b'titolu oneruż jew gratwit d-dar numru 28, Triq 28 ta' April 1688, Xagħra, Għawdex.

Fl-istess seduta l-intimat ma opponix u dan fid-dawl illi l-intimati diġa' kienu ddikjaraw fir-risposta tagħhom li mhumiex ser jitrasferixxu jew jaljenaw il-proprjeta' immobbli.

Fis-seduta ta' l-10 ta' Diċembru, 2019 il-mandat ġie pospost għal digriet kamerali.

**IT-TALBA**.

It-talba tar-Rikorrenti hija :

"*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm l-intimati milli bl-ebda mod u manjiera:*

*Bi kwalunkwe mod b'att intervos sewwa b'titolu oneruz jew gratuit jew b'xi skrittura privata jew verbalment jittasferixxu, jaghtu, jassenjaw lill-terzi persuni jew b'xi mod iehor jaghtu jew jikkoncedu lill-terzi t-tgawdija u/jew l-uzu tal-fond ossija dar bin-numru 28, Triq 28 ta' April 1688, Xaghra, Ghawdex, liema fond bl-ambjenti kollha tieghu, inkluz arja u s-sottoswol hu konfinanti mill-punent mat-triq hawn fuq imsemmija, tramuntana ma' beni ta' Adelina Spiteri unofsinhar ma' beni ta' Rita Spiteri u dana peress illi fil-prezent hemm pendenti quddiem din l-istess Onorabbli Qorti rikors puramentat numru 27/2018 fl-ismijiet 'Dr Anton Refalo noe vs John Mary Muscat et' differit ghall-kumplament tas-smiegh tal-provi ghat-13 ta' Novembru 2019 u li fl-istess rikors guramentat, ir-rikorrenti nomine qed jitlob 1) Jigi dikjarat li l-atti ta' datio in solutum fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tat-22 ta' Dicembru 2016 huwa null ghaliex l-kunsens tal-attur nomine ghall-istess gie kaptat bi vjolenza, frode da parti tal-konvenuti u ghaliex l-istess kunsens kien ukoll affett bi zball materjali ghaliex l-attur nomine ma kienx kapaci jaghti l-kunsens hieles u liberu tieghu b'decizjonijiet ragonevoli sewwa ghar-rigward persuntu kif ukoll minhabba c-cirkostanzi li kien jinsab fihom; 2) Li fin-nuqqas u minghajr ebda pregudizzju ghall-ewwel talba, tiddikjara li l-konvenuti ma osservawx it-termini tal-istess arrangamenti kif kontemplati fil-kuntratt tat-22 ta' Dicembru 2016, fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech u b'hekk kissru t-termini tal-istess kuntratt u rrendewh null u bla ebda effett bl-agir u imgieba taghhom stess; 3) Konsegwentament tirrexxindi u tannulla ghal kollox dan il-kuntratt ta' datio in salutum' fuq imsemmi li sar fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tat-22 ta' Dicembru*

*2016 (DOK B); 4) Tahtar nutar pubbliku u tiffissa il-jum, hin u lok ghal publikazzjoni tal-att ta' rexxisjoni relattiv, liema kuntratt ghandu jsir bl-intervent ta' kuraturi deputati li ghandhom jigu nominati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuqu.*

*Ir-rikorrent nomine jitlob ukoll sabiex l-istess intimati jigu inibiti milli b'xi mod jew iehor jiddisponu mill-mobbilia, bl-ghamara, oggetti u utensili li hemm fl-istess lok tad-dar hawn fuq imsemmija stante li m'hijiex proprjeta' taghhom u peress li hemm perikolu serju u imminent li dan isehh."*

Kif ġia ngħad aktar 'il fuq ir-rikorrenti fis-seduta ta' l-10 ta' Diċembru, 2019 irtirail-parti tal-mandat għar-rigward l-użu ta' l-istress fond kif ukoll għar-rigward tal-mobbli li huma msemmija fil-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar ta' l-istess mandat iżda żamm ferm li ma jitrasferixxux, jagħtu, jassenjaw lil terzi sewwa b'titolu oneruż jew gratwit id-dar 28, Triq 28 ta' April 1688, Xagħra. Għawdex.

**IR-RISPOSTA TA' L-INTIMATI**

L-intimati laqgħu għat-talba tar-rikorrenti billi qalu illi :

*"Ir-rikorrenti nomine intavola mandat ta' inibizzjoni fl-atti ta' din il-kawza ghan-nom tal-eredi prezunti tal-mejjet Arthur Borg. Illi minn dan l-aspett r-rikors huwa proceduralment monk stante illi mhux biss ghadu ma sarx it-trasfuzjoni tal-gudizzju izda wkoll ma sar l-ebda att li fih r-rikorrenti nomine wera li huwa ghandu ness guridiku ma' dawn l-atti. Dan apparti l-fatt li l-Avukat Refalo ma pprezenta ebda prokura ta' min qed jirraprezenta u allura l-istess att ġie ppreżentat bi ksur ta' l Artikolu 180 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u r-registratur ma messux u ma setax jaccetta l-istess fil Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex fil-kompetenza taghha ta' Qorti Superjuri u ghalhekk it-talba ghal hrug tal-mandat ghandha tigi respinta.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost fuq il-mertu, l-esponenti ma jistghux jigu inibiti milli jidhlu fi hwejjighom u jaghmlu uzu minn propjeta jew jikruh lil terzi. Di piu diga ghandhom diversi oggetti personali taghhom u l-affarijiet kollha u l-mobbli kollha tad-dar in kwistjoni ilha fil-pussess esklussiv taghhom ghal 'il fuq minn tliet snin ghalhekk ma hux minnu li l-oggetti kollha li jinsabu gewwa d-dar ma humiex taghhom. Barra minn hekk huma jikkontendu illi d-dar akkwistawha b'kull ma kien hemm gewwa fiha u ma jistax ir-rikorrenti jirreklama titolu fuqhom.*

*In oltre l-uzu personali tieghu jew ta' terzi ma hu jikkrea ebda pregudizzju fil-konfront tar-rikorrenti nomine a paragun tal-pregudizzju drastiku li ser ibaghtu l-esponenti milli jgawdu hwejjighom. Illi kif qal tajjeb r-rikorrenti nomine huwa ghamel kawza biex jattakka l-validità ta' kuntratt ta' trasferiment ta' propjeta immobbli pero sa dak il-mument li jkun hemm att kontrarju il-propjeta hija tal-esponenti biex igawduha kif u b'liema mod irid huma.*

*Illi l-esponenti ma ghandhom u ma kellhom ebda hsieb li jitrasferixxu l-propjeta de quo fil-mori ta' kawza pendenti u ghalhekk ma kien hemm ebda htiega ghal att odjern jew biza li ser isir xi att da parti tal-esponenti.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet it-talba ghal hrug tal-mandat ghandha tigi michuda."*

**ID-DRITT.**

Il-mandat t'inibizzjoni l-liġi tgħoddu bħala wieħed mill-atti kawtelatorji (Artiklu 830(1)(ħ) kodiċi ritwali);

Illi l-liġi tgħid ukoll li "**Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet"** ;

Għalhekk minn qari akkurat tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, jirriżulta illi l-Qorti hija prekluża milli tordna l-ħruġ tal-Mandat, sakemm ma jikkonkorrux ir-rekwiżiti li ġejjin :-

a) Il-Mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti ;
b) Ir-rikorrenti ghandhom dawk il-jeddijiet sal-livell tal-*prima facie* ;

**ĠURISPRUDENZA**

**L-ewwel element: dritt *prima facie***

Illi l-element tal-*prima facie* ġie ttrattat bosta drabi minn dawn il-Qrati. Fl-istadju tal-mandat, il-proċess ta' konjizzjoni tal-mertu jkun għadu ma bediex u għalhekk il-pretensjoni tar-rikorrent tkun għadha f'limbu ipotetiku.

Madankollu jinħtieġ li jintlaħaq livell minimu ta' plawżibilita' għall-pretenzjoni tar-rikorrent kawtelari, li tidher mad-daqqa t'għajn jew għallinqas abbażi ta' konjizzjoni sommarja li tista' ssir mingħajr dewmien. Ikun għalxejn li r-rikorrent juri li sejjer ikun espost għall-periklu, kbir kemm ikun kbir, jekk ma jilħaqx dan il-livell tradizzjonalment imsejjaħ *fumus boni iuris*. Barra minn hekk dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant.

**It-tieni element: *periculum in mora***
F'dan ir-rigward il-liġi tesiġi li l-Qorti trid tkun sodisfatta li l-mandat ikun "**meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent**".

Sabiex iż-żewġ elementi sopraċitati jwasslu għall-ħruġ tal-Mandat iridu jkunu kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.

Il-proċedura tal-Mandat hija eċċezzjonali u straordinarja[1]. Hija wkoll waħda sommarja. Dan ifisser illi quddiem din il-Qorti ma hux mistenni illi jitressqu dawk il-provi illi għandhom jitressqu waqt il-kawża dwar il-jedd u għalhekk dan ifisser wkoll illi meta tintlaqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat dan ma jkunx ifisser illi dak il-jedd ġie ppruvat u daqstant ieħor illi l-jedd ma jeżistix meta t-talba għall-ħruġ tal-mandat ma tintlaqax. Il-mansjoni ta' din il-Qorti huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.

**RIŻULTANZI**

Fid-dawl illi fis-seduta ta' l-10 ta' Diċembru, 2019, ir-rikorrent irtira dik il-parti tal-mandat għar-rigward l-użu tal-fond kif ukoll irtira dik il-parti illi kienet tirrigwarda l-mobbli, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzoni ulterjuri ta' dawk it-talbiet u ser tillimita ruħha għat-talba tar-rikorrent fil-konfront ta'u limitatament rigward il-fond 28, Triq 28 ta' April, 1688, Xagħra, Għawdex.

**a)Jedd *prima facie***

Jirriżulta mir-rikors tar-rikorrent illi ġiet intavolata kawża kontra l-intimati fejn qed jintalab li l-atti ta' "*datio in solutum*"fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech jiġu dikjarati nulli għax il-kunsens ta' l-attur nomine ġie kaptat bi vjolenza, frode da parti ta' l-intimati u għaliex l-istess kunsens kien affett bi żball materjali stante li l-attur nomine ma kienx kapaċi jagħti l-kunsens ħieles. Jirriżulta mill-kuntratt anness mar-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, illi l-attur nomine kien assenja u ttrasferixxa b'titolu "*datio in solutum*" l-istess fond illi r-rikorrenti llum qed jidentifika fil-mandat t'inbizzjoni sabiex iżomm lill-intimati milli jitrasferixxuh, jagħtuh jew jassenjawh lil terzi b'titolu oneruż jew gratwit jew bi skrittura privata jew verbalment. Għalhekk u għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti hija tal-fehma illi l-jedd *prima facie* jissusstisti.

**Tenut kont ta' dan għalhekk il-Qorti tqis illi l-ewwel element huwa sodisfatt.**

**b)*Periculum in mora*.**

[1] Ulrich Barfuss v Perit John u Mariella konjuġi Gambina, Rik. Nru. : 1103/19, 26 ta' Settembru, 2019

Sabiex jiġi determinat il-preżenza o meno ta' dan l-element hija meħtieġa risposta għall-mistoqsija sempliċi iżda importanti: huwa meħtieġ il-ħruġ tal-mandat sabiex jithares il-jedd tar-rikorrent?

Fil-każ odjern ir-risposta hija fin-negattiv u dan in vista tal-fatt illi l-intimat fir-risposta tiegħu afferma illi:

"*L-esponenti ma għandhom u ma kellhom ebda ħsieb li jitrasferixxu l-propjeta' de quo fil-mori tal-kawża pendenti..*"

Mhux talli hekk, iżda waqt is-seduta ta' l-10 ta' Diċembru, 2019 l-abbli difensur ta' l-intimati kkonfermat illi l-intimati mhumiex ser jitrasferixxu jew jaljenaw il-proprjeta' immobbli.

Tenut kont ta' dan kollu il-Qorti tqis illi l-element tal-*periculum in mora* ma' jissustixxix.

**It-tieni element huwa għalhekk nieqes.**

**PROVVEDIMENT**

Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qiegħda għalhekk tirrevoka *contrario imperio* l-effetti tad-digriet tagħha tat-13 ta' Novembru, 2019 sa fejn kienet laqgħet ir-Rikors b'mod proviżorju, u qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrenti in vista tal-fatt li ma jirriżultawx l-estermi maħsuba fil-liġi sabiex jinħareġ mandat ta' din ix-xorta.

Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mir-rikorrent.

Mogħti kameralment fit-12 ta' Diċembru, 2019.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur